**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-24 ta' Mejju, 2018**

**Talba numru: 494/2017 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 5**

**Wayne Curmi (ID 419893M)**

**22, Pescespada,**

**Triq Dun Mauro Inguanez,**

**Birkirkara**

**Vs**

**Ventur Motor Centre Company Limited**

**16, Tumas Dingli Street,**

**Mosta**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba tal-attur li permezz tieghu talab lis-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' hames mitt ewro (€500) jew somma verjuri rapprezentanti danni sofferti kawza ta' difett latent fil-vettura van Toyota Dyna mixtrija minghand is-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta ghalkemm debitament notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta u lanqas ma deher hadd biex jikkontesta t-talba ghalkemm inghataw differimenti ghal aktar minn darba.

Ra l-ittra mibghuta mis-socjeta' konvenuta sabiex titlob differiment liema talba giet milqugha u t-Tribunal ddiferixxa ghas-seduta tad-19 ta' Frar, 2018 fin-12.30pm izda dakinhar hadd ma deher mis-socjeta' konvenuta.

Ra li lanqas fis-seduti tas-06 ta' April 2018 ma deher hadd ghan-nom tas-socjeta' konvenuta.

Li ghalhekk is-socjeta' konvenuta giet dikjarata kontumaci minn dan it-Tribunal u l-kawza thalliet ghas-seduta tal-11 ta' Mejju, 2018 ghat-trattazzjoni izda rega ma deher hadd ghan-nom tas-socjeta' konvenuta.

Ra d-dokumenti u x-xhieda tal-attur.

Ikkunsidra

Li l-attur xehed li xtara din l-vettura Toyota Dyna minghand is-socjeta' konvenuta u wara ftit zviluppalha hsara fil-clutch tal-istess vettura u li meta huwa informali l-istess socjeta' infurmawh li dan gara bil-wear and tear u mhux ghax kien hemm difett fil-clutch.

Il-vettura inxtrat fil-05 ta' Lulju, 2017 u l-hsara giet imsewwija bejn Settembru, 2017 u Ottubru, 2017 kif jirrizulta mid-dokumenti annessi u mill-istess dokumenti jirrizulta li din kienet fil-clutch tal-istess vettura.

Li t-total tad-danni subiti sabiex tissewwa din l-vettura jirrizulta mill-ircevuti annessi li kien ta' erba' mija u tmienja u disghin ewro u dsatax-il centezmu (€498.19c) liema ammont qatt ma gie kontestat mis-socjeta' konvenuta kif lanqas gie kontestat jew saret xi prova kuntrarja ghal dak li qed jikkontendi l-attur.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur limitatment ghas-somma ta' erba' mija u tmienja u disghin ewro u dsatax-il centezmu (€498.19c) u jordna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u tmienja u disghin ewro u dsatax-il centezmu (€498.19c) bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru mil-lum stess.

Spejjez a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**